MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2012

Numru. 1029/2008

Il-Pulizija
(Sp Gabriel Micallef)
vs
Gerard Schembri, iben Joseoh, imwieled l-Isla fit-12 ta' Awwissu, 1964, karta ta' l-identita numru 485564(M)

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat:
1. talli fis-26 ta' Ottubru, 2008 għal ħabta ta' bejn is-1.00 a.m. u is-1.30 a.m., waqt li kien fil-post magħruf bħala 'Reflectiions Disco', li qiegħed fil-lukanda Suncrest, Triq il-Qawra, Qawra bil-ħsieb li joqtol lil Leonard Magri, wera dan il-ħsieb b'atti esterni, u ta bidu għall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, billi bi strument li jaqta' u bil-ponta (mus) ta daqqa bih fil-ġemb tan-naħa tax-xelluq ta' dahar l-imsemmi Leonard Magri u b'hekk ikkaġunalu offiżi ta' natura ħafifa skont kif iċċeertifika Dr. Chloe Bugeja M.D.

ta’ l-Isptar Mater Dei, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta’ tiegħu;
2. talli fl-istess data, ħin u lok, waqt li kien sejjer jikkometti l-imsemmi attentat ta’ omiċidju, ġarr fuqu arma regolari cioe’ mus;
3. talli fl-istess data, ħin u lok ġarr u kellu fil-pussess tiegħu l-imsemmija arma regolari (mus) mingħajr liċenzja tal-Kummisarju tal-Pulizija;
4. talli fl-istess data, ħin u lok ta diversi daqqiet fuq wiċċ u il-persuna ta’ Rita Borg u ikkaġunalha feriti ta’ natura ħafifa, skont ma ċċertifikat Dr. Chloe Bugeja M.D. ta’ l-Isptar Mater Dei;
5. talli kiser il-paċi pubblika b’għajjat, ġlied jew mod ieħor.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex jekk jidrilha xieraq, biex tipprovdi għas-sigurta’ ta’ l-imsemmija Leonard Magri u Rita Borg, jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli għar-reati fuq imsemmija, torbot lill-imputat b’obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta’ somma ta’ flus li tiġi ffissata minn din il-Qorti.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tat-8 ta’ Lulju, 2010 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista’ tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:
a. fl-artikoli 41(1)(b), 214, 216 u 217 tal-Kodiċi Kriminali;
b. fl-artikoli 214 u 221(1) tal-Kodiċi Kriminali;
c. fl-artikoli 6, 51(7) u 55(a) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta’ Malta; u
d. fl-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta’ din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanza oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta’ Novembru, 2010 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li inqala inċident fir-'Reflections Disco' bejn l-imputat u Leonard Magri.

Illi konsegwenza ta' din il-ġlieda Leonard Magri ġarrab feriti ta' natura ħafifa.

Illi jirrizulta li Rita Borg ma ġarrbet ebda feriti fuq il-persuna tagħha.

Illi fil-mori tal-kawża Leonard Magri ħafer lill-imputat tal-feriti ta' natura ħafifa li hu ġarrab.

Illi l-imputat kellu fuq il-persuna tiegħu mus mingħajr ma kellu liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-ewwel akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkuża. Dwar it-tieni akkuża tiddikjara l-proċediment eżawrit minħabba l-maħfra ta' Leonard Magri. Issibu ħati tat-tielet u tar-raba' akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikoli 6 u 51(7) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundanah għal ħlas ta' multa ta' mija u erbgħin euro (€140).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------